parafrasi, figuri ta' diskors, taħriġ ta' sintassi figurata, sintesi ta' espressjonijiet, précis, stil, ecc. Il-lum li t-tagħlim letterarju tal-Malti, b'riħet il-politka ġdida tal-Gvern u l-ħidma tal-Għaqdiet tal-Malti, ħa xejra tajba, kiber u miexi 'l quddiem u l-programmi ta' l-istudji tal-Malti huma mfassIin fuq dawk ta' Ilsna Skolastiċi oħra, ktieb ta' taħriġ bħal dan hu ta' fejda mill-akbar għal dawk l-istudenti li jixtiequ jkollhom mera ta' mistoqsijiet għall-eżamijiet ġinnasjali.

L-Awtur li, kif naħsbu, mexa fuq il-metodu ta' Hamond, wera sengħa u reqqa ta' moħħ imħarreġ fit-tagħlim tal-Malti. Fil-mija u ħamsa u disgħin mistoqsija ta' dan il-ktieb hemm miġbur, tista' tgħid, dak kollu li hu meħtieġ minn student li jaf il-Malti grammatikalment u letterariament. It-taqsima ta' Taħriġ fl-Awturi, li skond il-ħsieb ta' l-Awtur kellha tagħmel sehem minn dan ix-xogħol, baqgħet barra mħabba l-bżonn li l-qofol ta' din il-biċċa xogħol hekk ta' ħtieġa jiġi minnufih f'idejn studenti biex ifittxu jtħejjew għal xi eżamijiet li kienu wasla l-bieb. Nittamaw, madankollu, li l-Awtur jitħajjar joħroġ din it-Taqsima bħala Suppliment u li fil-għażla tal-biċċiet letterarji juri kriterju u apprezzament ta' għarbiel iżjed fin milli s'issa raina fil-ktieb tat-Taħriġ u f'xi Gabriet ta' Proża u Versi.

Il-Prefazzjoni li għoġbu jagħmel f'dan il-ktieb it-Tabib Ġużè Galea hija miktuba b'erba' kelmiet tassew fil-waqt u bil-għaqal li bihom l-Awtur għandu għalfejn iqawwi qalbu biex il quddiem jissokta jaħdem f'xogħlijiet ta' fejda bħal dawn.

Jalla kotba bħal dawn, bħalma fissirna band'oħra, ikunu l-ewwel passi biex il quddiem ma' dawn joħorġu kotba ta' taħriġ fuq il-prosodija, il-fonetika u l-filoloġija Maltija.

A. C.

---

**"IL-KNISJA TISTMERR IX-XJENZA?"** — Ta' P. Alb. Busuttil, S.J.—Bibljoteka ta' Kultura—Malta 1945.—Paġ. 32.

Ktejjeb mimli tagħrif fuq il-ħajjiet u l-fehmiet ta' nies tax-xjenza: fosthom mgħallmin tal-Fiżika, għorrief fl-Astronomija u Tobba li isimhom magħruf fl-Universitajiet tad-dinja kollha.

L-awtur kellu l-ħsieb li jipprova li l-Knisja bħala l-għajn ta' kull għerf u bħala l-aqwa għalliema tal-fehma nisranija, qatt ma ċaħdet jew ħarriet it-tagħlim tax-xjenza anzi dejjem fittxet li tinqeda b'dan it-tagħlim biex turi l-ġmiel tal-ħolqien; għax mill-ġmiel tal-ħolqien wieħed aktar jista' jagħraf kemm hu kbir u għaref u ħanin il-Ħallieq.

Il-lista ta' Tobba li qrajna f'dan il-ktieb għoġbitna: kollha huma nies li għamlu ġieħ lill-arti ta' Eskulapju, iżda xtaqna magħdudin f'dik il-lista: il-Professur Sir Temi Zammit li għamel isem fost l-aqwa Arkeoloġi moderni u li xogħol tiegħu fuq id-Deni Rqiq huwa magħruf mad-dinja kollha u msemmi f'testi tal-mediċina. Hekk ukoll xtaqna naraw f'dik il-lista l-isem ta' Lord Moynihan, tabib li twieled u trabba f'Malta u li fil-gwerra l-oħra kien magħdud bħala wieħed mill-aqwa kirurġi li l-ħidma tiegħu swiet mhux ftit għar-rebħa tal-1918.

G.

## AVVIŻ

### REĊENSJONIJIET

Nitolbu bi ħrara lill-korrispondenti tagħna biex fir-Reċensjonijiet li jagħmlu, l-iktar ta' xogħlijiet żgħar, fosthom ta' **poeżija waħda,** twila kemm din tkun twila, ma jiġbdux fit-tul. Niftakru li numru ta' "Il-Malti" ma jkunx fih ħlief 32 faċċata u joħroġ darba kull tliet xhur u, għalhekk, ma jaqbilx li minnu nieħdu mas-sitt faċċati għal **Reċensjoni waħda** u mħabba f'hekk inħallu barra artikoli oħra, li biċċiet minnhom ikunu jridu jissoktaw min-Numru ta' qabel, barra minn artikoli u korrispondenzi oħra importanti li ma jistgħux ma jidhrux filwaqt.

Jisgħobbina ngħarrfu illi mil-lum 'il quddiem ebda reċensjoni ma tkun tista' tidher sħiħa kemm-il-darba din teħdilna iżjed minn faċċata waħda. Nixtiequ, għalhekk, li, imħabba l-ekonomija tal-wisa', kull reċensjoni ma tkunx ta' iżjed minn **nofs faċċata stampata,** jew għallinqas tliet kwarti ta' faċċata.

ID-DIREZZJONI.